MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2014

Numru 646/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**Vs**

**Moussa Abubakar**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Moussa Abubakar, ta' tletin (30) sena, iben Abubakar Abbu u Kaltom Kaltomene, imwieled is-Sudan nhar il-21 ta' April 1984 u residenti Nru.1, "Merill", Triq Ghajn Dwieli, Paola, u detentur tal-Passaport Taljan bin-Numru 042550, talli nhar l-10 ta' Lulju 2014 ghall-habta ta' xi s-1:45 hrs ta' wara nofisnhar gewwa l-lokalita' tal-Hamrun:-

1. Permezz ta' arma irregolari u cioe' b'martell ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Nour Eddine G.Ibrahim Hamid liema

feriti gabu sfregju gravi u permanenti fil-wicc ta' l-offiz u dan skond ma iccertifika Dr.Chris Giordimaina MD (Reg.No. 3584) mill-Isptar Mater Dei, Imsida, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 64, 214, 215 u 218 tal-Kap 9 ta' Ligijiet ta' Malta;

2. Illi fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser il-paci u l-ordni pubblika b'ghajjat, storbju u glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tipprovdi ghas-sigurtà tal-persuna offiza cioe' Nour Eddine G. Ibrahim Hamid jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop tal-protezzjoni ta' Nour Eddine G. Ibrahim Hamid u l-familja tieghu minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, u tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skond l-Artikolu 412C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, u f'kaz ta' htija sabiex tipprovdi ghas-sigurtà tal-persuna offiza u l-familja tieghu ai termini ta' l-Artikoli 383, 384, 385 u 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejejz li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri;

Semghet lill-imputat jammetti ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu u dan minkejja il-fatt li a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti avzat bl-iktar mod solenni lill-imputat bil-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat talli nhar l-10 ta' Lulju 2014 ghall-habta ta' xi s-1:45 hrs ta' wara nofisnhar gewwa l-lokalita' tal-Hamrun (i) permezz ta' arma irregolari u cioe' b'martell ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Nour Eddine G.Ibrahim Hamid liema feriti gabu sfregju gravi u permanenti fil-wicc ta' l-offiz u dan skond ma iccertifika Dr.Chris Giordimaina MD (Reg.No. 3584) mill-Isptar Mater Dei, Imsida, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 64, 214, 215 u 218 tal-Kap 9 ta' Ligijiet ta' Malta; u (ii) talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser il-paci u l-ordni pubblika b'ghajjat, storbju u glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imputat ammetta ghall-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssibu hati ta' l-akkuzi kollha hekk dedotti kontrih.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri u li ghandu fedina penali netta. Hadet in konsiderazzjoni wkoll ic-cirkostanzi li wasslu ghat-twettiq ta' reati ammessi mill-imputat.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 64, 214, 215, 218 u 338 (dd) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu, tikkundannah ghall-perijodu ta' ghaxar (10) xhur prigunerija, izda peress illi fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz jissussitu ragunijiet validi in bazi ghal liema tali terminu ta' prigunerija jigi sospiz ai termini tal-Ligi, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta tissosspendi dan it-terminu ta' ghaxar (10) xhur prigunerija ghall-perijodu ta' sena (1) b'effett millum.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu

28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta’ din is-sentenza sospiza, reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta’ htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi torda lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba stante li ma tressqux provi dwar tali spejjez.

Ai termini ta’ l-Artikolu 382A u 412C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti qed taghmel Ordni ta’ Trazzin fil-konfront ta’ l-imputat ghall-fini li tipprovdi ghas-sigurtà ta’ Nour Eddine G.Ibrahim Hamid, b’dana li l-imputat qed jigi projbit milli javvicina jew b’xi mod isegwi l-movimenti ta’ Eddine G.Ibrahim Hamid, ghal perijodu ta’ sena (1) mid-data ta’ din is-sentenza, u dana kif rifless fid-Digriet ta’ Ordni ta’ Trazzin moghti llum stess u anness ma’ din is-sentenza, li taghha jifforma parti integrali. Il-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car il-konsegwenzi jekk minghajr skuza ragonevoli jikser il-projbizzjoni imposta fuqu u cioè li a tenur ta’ l-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk jinstab hati jista’ tehel multa ta’ elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) jew prigunerija ta’ mhux izjed minn sitt xhur jew il-multa u prigunerija flimkien.

Il-Qorti tordna li ai termini ta’ l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-proceduri u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------